**Qorti Civili**
**(Sezzjoni tal-Familja)**

**Onor. Imhallef Robert G. Mangion, LL.D.**
**Dip.Tax (MIT), P.G.Dip. Mediation (Melit.)**

**Illum 27 ta' Ottubru 2016**

Citazzjoni Nru. 35 / 05RGM

Kawza fil-lista: 26

**A B**
**vs**
**C B**

**Il-Qorti,**

Rat ic-citazzjoni pprezentata mill-attrici li permezz taghha ppremettiet u talbet is-segwenti:-

Premess illi l-partijiet izzewgu fit-3 ta' Marzu 1988;

Premess illi minn dan iz-zwieg il-partijiet ghandhom il-minuri Gregory ta' hmistax-il sena (15), Kim ta' tlettax-il sena (13), u Karsten ta' disa' snin (9);

Premess illi z-zwieg bejn il-partijiet tkisser irremedjabilment u l-hajja konjugali m'ghadhiex aktar possibbli, u dan minhabba tortijiet imputabbli unikament lill-konvenut, konsistenti f'eccessi, sevizzi, vjolenza u offizi gravi da parti tal-konvenut fil-konfront ta' l-attrici ;

Premess illi l-partijiet gew debitament awtorizzati mill-Qorti Civili Sezzjoni Familja sabiex jipprocedu bil-kawza ghas-separazzjoni;

Jghid il-konvenut ghaliex m' ghandiex din l-Onorabbli Qorti:

1. Tiddikjara s-separazzjoni personali bejn il-kontendenti minhabba tortijijet imputabbli unikament lill-konvenut stante eccessi, sevizzi, vjolenza u offizi gravi fil-konfront ta’ martu l-attrici.

2. Tafda l-kura u kustodja tal-minuri Gregory, Kim u Karsten esklussivament f’ idejn l-attrici.

3. Tordna lill-konvenut ihallas ghaliha u ghal fuq imsemmija tfal ir-retta alimentarja xierqa u adegwata.

4. Tawtorizza lill-attrici tghix fid-dar matrimonjali ad eskluzjoni tal-konvenut.

5. Tapplika kontra l-konvenut l-effetti kollha ta' l-Artikolu 48 u 55 tal-Kap 16 tal-Ligijiet ta' Malta;

6. Tiddikjara xolta u likwda l-komunjoni ta' l-akkwisti ezistenti bejn il-partijiet u tassenja parti lill-attrici u parti lill-konvenut.

Bl-ispejjez kontra l-konvenut li minn issa huwa ngunt ghas-subizzjoni.

Rat in-nota tal-eccezzjonijiet tal-konvenut li taqra kif gej:-

1. Illi z-zwieg in kwistjoni tkisser irrevokabilment minhabba fil fatt li l-attrici l-ewwel telqet miz-zwieg ghax riedet il-liberta' u wara imbarkat f’relazzjoni adultera ma' certu George Faure' u abbandunat ghal kollox il-familja – hi ghamlet diversi rapporti u akkuzi foloz fil-konfront ta' zewgha. Dan iz-zwieg tkisser minhabba minacci, sevizzi gravi, offizi gravi, vjolenza, swat u abbandun lejn zewgha;

2. Illi Gregory qed jabita mal-attur (recte: konvenut) filwaqt li z-zewgt itfal l-ohra qed jabitaw mal-attrici. Dan huwa l-istat ta' fatt li ilu vigenti ghal diversi snin;

3. Illi l-attrici mhijiex idoneja sabiex tiehu hsieb kif jixraq lit-tfal;

4. Illi l-attrici ma ghandhiex dritt li tiehu manteniment ghaliha fl-ewwel lok ghaliex hi wettqet adulterju u fit-tieni lok ghaliex hi tppercepixxi qligh u ghandha ukoll permess kummercjali fuq isimha sabiex tbigh il-hut;

5. Illi d-dar matrimonjali hija parafernali tar-ragel. Hu mhux qed jghix fiha minhabba f’akkuza infondata u qarrieqa li l-attrici ghamlet fil-konfront tieghu. L-attrici kapaci tigdeb fuq kollox u anke taghmel akkuzi u allegazzjonijiet foloz fuq

zewgha minghajr inibizzjonijiet. Hija l-attrici li ghandha tigi ordnata titlaq mid-dar matrimonjali.

6. Illi l-konvenut qed jiprevalixxi ruhu minn din il-kawza sabiex jipprezenta il-kontro-talba tieghu.

Rat il-kontro-talba tal-konvenut li taqra kif gej:-

1. Peress illi l-konvenut ilu mizzewweg lill-attrici mit-3 ta' Marzu 1988 u minn dan iz-zwieg twieldu zewgt itfal Gregory (ta' 15 il-sena) u Kim (ta' 13 il-sena); hemm tifel iehor Karsten (ta' 9 snin) li dwaru l-attur ghandu suspetti kbar li mhuwiex tieghu;

2. Peress illi l-attrici saret hatja ta' adulterju, ingurji gravi, sevizzi, mohqrija lejn zewgha; u fil-fatt illum illum ghandha relazzjoni fil-miftuh ma' ragel iehor George Faure' - u dan wara li l-konvenut kien lest li jahfirlha jekk hi tibdel hajjitha;

3. Peress illi hu fl-aqwa interess tat-tfal tal-konvenut kemm mil-lat morali kif ukoll mill-lat materjali li dawn jibqghu fil-kura u l-kustodja ta' missierhom fid-dar matrimonjali minn fejn il-konvenut kellu jitlaq minhabba akkuza falza li ghamlet dwaru l-attrici;

4. Peress illi l-konvenut apparti l-fatt li ma ghandux fejn jmur jghix, ma kkommetta ebda htija li setghet wasslet ghal dan it-tkissir irrimedjabbli taz-zwieg u ghalhekk il-konvenut ghandu jithalla jkompli jghix fid-dar matrimonjali li hi paraferanali tieghu, flimkien ma' uliedu u ad eskluzjoni tal-attrici;

5. Peress li d-dar matrimonjali 95, Triq il-Port Ruman, M' Xlokk hi parafernali tal-konvenut peress li giet mixtrija u imhallsa kollha minnu qabel iz-zwieg.

Tghid l-attrici rikonvenuta ghaliex m’ghandhiex din il-Qorti :

1. Tippronunzja s-separazzjoni personali bejn il-kontendenti minhabba l-adulterju, swat, minacci, ingurji gravi, sevizzi, abbandun u mohqrija lejn il-konvenut maghmula mill-attrici ai termini tal-Kodici Civili u minhabba inkompatibilta ta' karattru;

2. Tiddikjara u tordna li l-istess attrici titlef id-drittijiet kontemplati fl-artikoli 631 , 633 , 633A , 825 ,826 u 827 tal-Kodici Civili u tapplika kontra l-attrici u favur il-konvenut id-disposizjonijiet tal-Artiklu 48 tal-Kodici Civili;

3. Tordna it-tmiem u x-xoljiment tal-komunjoni tal-akkwisti bejn il-partijiet;

4. Tillikwida l-istess komunjoni tal-akkwisti jekk hemm bzonn permezz ta' periti nominandi u taqsam l-istess bejn il-kontendenti nofs kull wiehed b' dan pero li lill-konvenut ghandhom jigu assenjati fl-intier taghhom l-akkwisti li saru bil-hidma tieghu u jinghatalu lura dak li hu ta lill-attrici b' donazzjoni bil-hsieb taz-zwieg jew waqt z-zwieg jew b' xi titolu iehor u b' dan ukoll illi l-konvenut ghandu jinghatha d-dritt skont artiklu 55A tal-Kodici Civili li wahdu mat-tfal minuri jibqa' jghix fid-dar matrimonjali li hi parafernali tieghu;

5. Tahtar jekk ikun hemm bzonn Nutar u tiffissa data, lok u hin sabiex jekk ikun hemm bzonn issir il-qasma tal-komunjoni tal-akkwisti kif likwidati u tahtar kuraturi deputati biex fil-kontumacja jew l-assenza tal-attrici jidhru minflokha;

6. Tiddikjara liema huma l-flus u/jew l-oggetti u/jew l-immobbli parafernali li jappartjenu lil kull wahda mill-partijiet u tordna li qabel il-qasma tal-komunjoni tal-akkwisti kull parti tiehu dak li hu parafernali taghha;

7. Tordna li l-kura u l-kustodja tal-minuri tigi fdata f’idejn il-konvenut u tordna li kull access tal-attrici ghall-minuri ma jsirx f’cirkostarzi li jistghu jaghmlu hsara morali jew materjali lill-minuri;

8. Tordna li l-konvenut wahdu jibqa' jghix flimkien ma' uliedu minuri fid-dar matrimonjali u paraferanli tieghu 95, Triq il-Port Ruman, M' Xlokk ad eskluzjoni ta' martu u dan skont artiklu 55A tal-Kodici Civili;

9. Tordna lill-attrici thallas lill-konvenut retta alimentari ghat-tfal minuri skont kif tistabilixxi dina l-Onorabbli Qorti..

10. Tiddikjara li l-attrici ddekadiet minn kull dritt li tippercepixxi manteniment ghaliha.

Bl-ispejjez inkluzi dawk tal-mandati prezentati kontestwalment.

L-attrici minn issa ingunta biex tidher ghas-subizzjoni.

Rat ir-risposta guramentata tal-attrici rikonvenzjonali li taqra kif gej:-

1. Illi l-konvenuta (recte – l-attrici rikonvenzjonata) taqbel li il-hajja matrimonjali tkissret irrimedjabilment, izda dan minhabba tortijiet imputabbli unikament lill-attur minhabba swat, adulterju, minacci, inguri gravi, sevizzi u mohqrija da parte tar-ragel.

2. Illi t-tieni talba hi nfondata fil-fatt u fid-dritt u ghandha tigi rigettata u dan peress illi r-ragel hu l-hati tal-firda u ghalhekk ghandhom jigu applikati kontra tieghu d-disposizzjonijiet tal-Artikoli relattivi.

3. Il-konvenuta (recte – l-attrici rikonvenzjonata) taqbel li l-komunjoni tal-akkwisti ezistenti bejn il-kontendenti ghandha tigi xolta.

4. Illi r-raba' talba ghandha tigi michuda.

5. Illi s-seba' talba ghall-kura u kustodja tal-minuri ghandha tigi michuda ghal ragunijiet serji li ser jigu ipprovati waqt il-kawza.

6. Illi t-tmien talba ghandha tigi michuda stante li d-dar ghandha tinghata lil mara u t-tfal tal-partijiet.

7. Illi d-disa` talba ghandha tigi michuda stante li r-ragel ghandu jmantni lill-mara u lit-tfal.

8. Illi l-ghaxar talba ghandha tigi michuda stante li hi infondata fil-fatt u fi dritt.

9. Salv eccezzjonijiet ulterjuri jekk ikun il-kaz.

Rat in-nota tal-attrici tal-11 ta' Mejju 2005 li maghha annettiet l-affidavit taghha u n-nota guramentata ;

Rat in-nota guramentata tal-konvenut u l-affidvit tieghu pprezentati fid-9 ta' Frar 2006;

Rat is-sentenza tal-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali tal-10 ta' Marzu 2004 fejn il-konvenut gie kkundannat gimghatejn detenzjoni billi naqas li jhallas manteniment lill-martu, tal-4 ta' April 2006, fejn il-konvenut 'inter alia' gie liberat mill-akkuza li kkorrompa lill-bintu il-minuri, Kim B; u dik tal-14 ta' Mejju 2008, fejn il-konvenut gie misjib hati li hebb ghall-martu u binthom Kim u kkagjonalhom feriti hfief u gie kkundannat tlett xhur prigunerija sospizi ghal tlett snin;

Rat r-rapport ta' Dottor Marisa Cassar tat-12 ta' Ottubru 2011, Fol 350 li juri li l-konvenut C B mhux il-missier biologiku tal-minuri Karsten B;

Rat is-sentenza ta' din il-Qorti tat-28 ta' Frar 2013 fejn gie ordnat li din il-kawza ghandha titqies bhala talba ghall-pronunzjament ta' divorzju ai termini tal-Artikolu 66F tal-Kapitolu 16 tal-Ligijiet ta' Malta;

Rat ir-rapport tal-Perit Legali Dottor Richard Sladdenipprezentat fit-22 ta' Ottubru 2015;

Rat in-nota ta' osservazzjonijiet tal-konvenut ipprezentata fl-10 ta' Mejju 2016;

Rat in-nota ta' sottomissjonijiet tal-attrici pprezentata fl-20 ta' Gunju 2016;

Rat ir-rikorsi, risposti u d-digrieti li nghataw fil-kors tas-smiegh tal-kawza;

Rat li l-kawza thalliet ghallum ghas-sentenza.

Ikkunsidrat;

IL-PROVI.

L-attrici, A B, fl-affidavit taghha a Fol 26 et seq, iddikjarat li ltaqghet mal-konvenut C B meta kellha sbatax-il sena. Kienet tfajla ferhana mentri hu kien guvni 'maqtuh ghalih', ma kellux edukazzjoni u hi ppruvat taghallmu fejn setghet. Wara sena li kienu flimkien qalilha li ried jizzewwigha. Hi deherilha li kien ghadu kmieni wisq. Qaltlu li kienet tbghati bl-asthma u ftit gimghat wara hadha ghand tabib ghax ried jaccerta ruhu li seta' jkollha t-tfal. Iffissaw id-data taz-zwieg ghall-4 ta' Marzu 1988, u meta zzewgu gia kellha tlett xhur tqala.

Kienet kuntenta izda tghid li ma kinitx taf ghal ghaliex skont hi zewgha ma kienx jaf ihobb. Fiz-zwieg kienet tqatta' hafna hin wahedha billi l-konvenut kien jmur ma' hutu fuq il-bahar. Ma kienet tghidlu xejn billi kellhom bzonn il-flus. Darba kienet rieqda wahedha u indunat li kienet ser titlef it-tarbija, ma kellhiex telephone u ma kinitx taf issuq u marret bil-mixi ghand ommu mwerwra. Ommu qaltilha 'b'daqshekk, ikollok izjed, toqghodx tinkwieta'. Tilfet it-tarbija, ommha biss kienet tiehu hsiebha meta ma kinitx tkun tiflah.

Tallega li ftit zmien wara kellha l-ewwel tarbija il-konvenut kien mar ghand ommha u ttantha. Tghid li dan saret tafu zmien wara. Kienet kuntenta bit-tifel u wara ftit snin kellhom lit-tifla Kim. Kompliet tinduna li ghall-konvenut id-dar u l-flus biss kienu importanti. Tghid li kien egoist, dejjem trid tghaddi tieghu, anke jekk ma tiflahx kien jinsisti li jkollha x'taqsam mieghu, kien jinsulentha u jghajjarha, li ma kellha dritt ghal xejn ghax id-dar kienet tieghu, ma kienx jhalliha tilbes il-hwejjeg li trid hi, kien jwaqqghalha il-moral. Il-glied beda jsir aktar spiss, jghajjarha li ma kellha xejn biex taqbez 'l barra, kien jaqbadha minn xagharha u jwaddabha 'l barra, tghid li saret skjava fid-dar u fis-sodda, anke wara li kellha operazzjoni bil-punti f'zaqqha, kien bil-forza jinsisti li jkun intimu maghha. Tghid li tlett snin wara kienet tqila bl-ahhar tifel, ma xtaqitx tarbija ohra minnu ghax kien bil-forza jinsisti ghal sess kuljum maghha.

Kellha maghha lill-ohtha, Roberta ta' 11 il-sena u meta kellha seba' xhur tqala rat lil zewgha jmiss lil ohtha taht il-frixx. Ixxokjat ruha, riedet toqtlu u meta kellmitu dwar dan hu ma qal xejn. Saret taf li kellu nisa ohrajn u hi dejjem maghluqa fid-dar. Darba ammetta maghha li kien ittanta lil ommha u lil ohtha, irrabbjat mieghu u tefghatu 'l barra. Saret taf ohtu li marret tkellem lill-attrici biex jirrangaw u ddecidiet li taghtih cans iehor. Billi l-familja kibret hassew li kellhom bzonn jahdmu t-tnejn u gabu permess biex jbieghu l-hut liema permess, hareg fuq isimha. Bdew jaqilghu il-flus u bdew jarmaw id-dar li kienet vojta.

Kienu jqumu kmieni hafna u tghid li ma kienux johorgu ghax l-konvenut ma ridtx jonfoq flus. Tghid li kienet tiehu pacenzja bih izda wara sittax-il sena ta' swat, tghajjir, dejjem gewwa, u ma tistax tilbes li trid ma felhitx tissoporti izjed. Takkuza lill-konvenut li l-flus mill-bejgh tal-hut kien jzommu hu u kien jgaghalha taghmel xoghol ta' strapazz tant li kellha terga' taghmel ghat-tieni darba l-operazzjoni tal-ftuq. Kienet kostretta tmur tbiegh il-hut wahedha meta hu kien jkun xoghol is-shipbuilding.

Tispjega kif l-affarjiet bdew jaggravaw ghaliex filwaqt li ma kinitx qed tlahhaq max-xoghol iebes tad-dar u t-trobbija tat-tfal filwaqt li l-konvenut dejjem jghajjarha li ma tiswa ghal xejn. Takkuza lill-konvenut li ma kien japprezza xejn minn dak kollu li kienet taghmel hi, kien sar vjolenti maghha jghidilha 'infottilek wiccek' jaqbadha minn xaharha u jitfaghha 'l barra. Fejn qabel kienet tibza minnu bdiet tirrappurtah l-Ghassa u ggieb certifikati medici.

Meta bdiet tirrappurtah ma baqax jaghtiha flus ghall-hajja, kellha tissellef il-flus minghand missierha biex tixtri l-ikel. Hu kien jiftah il-fridge u jarmi l-ikel. Kienet tibza minnu u tmur torqod mat-tfal Kim u Karsten. Xehdet li fil-31 ta' Jannar 2003 kaxkarha t-tarag kollu minn xagharha biex jitfahha 'l barra ghax qaltlu li ma riditx torqod mieghu. Xehdet li l-Pulizija qalulu biex jdahhalha d-dar u hu qalilhom 'jew torqod mieghi jew barra ghax dik il-mara tieghi u naghmel li rrid biha'.

Spjegat li f'okkazzjoni ohra tefaghha fl-art u beda jaghtiha bis-sieq fuq zaqqha, fejn kellha l-punti wara li ghamlet operazzjoni Kien liebes 'safety shoes'. Billi ma kienx baqa' jaghtiha flus ippruvat tbiegh il-hut, izda billi l-konvenut kien jarma hemm ukoll kien jheddidha li jwadabbha l-bahar. Tant kienet tibza minnu li kienet tispicca tmur ghand ommha biz-zewgt itfal. Kienet kostretta titlaq mid-dar, it-tifel il-kbir, Gregory baqa' mieghu u it-tnejn iz-zghar baqghu maghha. Kienu jghinuha missierha u huwha, malli telqet mid-dar hu biddel is-serratura, ghalkemm gie ordnat mill-Qorti jhallasha manteniment, baqa' ma hallashiex. Xehdet li dak iz-zmien kellu zewg impiegi, wiehed full-time ma' kumpanija tal-kostruzzjoni tal-vapuri u iehor part time bhala bejjiegh tal-hut.

Billi ma setghatx tibqa’ tissellef flus biex thallas il-kera, talbet biex tirritorna id-dar u b’digriet tal-Qorti nghatat din l-awtorizazzjoni, rritornat fid-dar u rega’ beda t-theddied. Tghid li kienet tispicca tissakkar fil-kamra mat-tfal meta l-konvenut kien jigi lura tard bil-lejl u bit-tisbiet u l-ghajjat kien iwerwer lit-tfal.

Xehdet li qabel johrog mid-dar il-konvenut kien jaqta’ d-dawl u jaghlaq il-bieb tal-garaxx fejn kien hemm is-salvavita biex hi ma tkunx tista’ tixghel id-dawl. Dan kien ta’ tbatija kbira ghall-attrici billi tbaghti mill-asthma. Semmiet l-incident meta bintha, Kim bdiet tghajjat ‘hallini hallini’ u qalet li ma kinitx komda torqod fejn kien missierha. Ratu gharwin huta u heddidha li jwaddabha mit-tarag ghal isfel. Ittiehdu proceduri kriminali kontra zewgha li fiz-zmien li kienet qed tixhed kienu pendenti. Tghid li l-konvenut ma kienx josserva l-kondizzjonijiet imposti fuqu mill-Qorti ta-Magistrati peress li qatt ma kien ikun id-dar fil-hamsa ta’ filghaxija u takkuzah ukoll li kien jkun dejjem barra ma’ certa Angela Borg li maghha kellu relazzjoni.

Issemmi episodju fejn kienet qed issuq u l-konvenut inzerta warajha bit-truck, beda jsegwiha u jrossha u joffendiha. Hi twerwret. Darba ohra hi u Kim rawh miexi ma’ Angela Borg f’Marsaxlokk, hi wafqet bil-karozza u ppruvat tigbed xi ritratti, hu beda ixejjer idejh u taha daqqa fuq wiccha u meta Kim qabzet ghaliha beda jisawwatha wkoll.

Tghid li l-konvenut m’ghadux ikellimhom lit-tfal tant li anke binhom Gregory li ghamel zmien jghix ma’ missieru, mar joqghod maghha. Spjegat illi eventwalment il-konvenut telaq mid-dar matrimonjali u mar joqghod fid-dar ta’ ommu flimkien ma’ Angela Borg u binha li ghandu erba’ snin. Gregory kien rega’ mar mal-attrici ghax ma kienx komdu jghix fid-dar ta’ omm il-konvenut billi lanqas kien hemm bibien bejn iz-zewg kmamar tas-sodda.

Tispjega illi meta l-konvenut kien wehel il-habs ghax ma hallashiex manteniment hi kienet hafritlu ghax kienet tispera li jirranga, accettat ukoll li ttieh it-truck u l-apparat kollu tal-hut, friezers, mizienijiet ecc biex jkun jista’ jahdem u jhallas il-manteniment, izda xorta baqa’ ma jhallax manteniment. Il-van tieghu thallas mit-tnejn izda il-karozza li tuza hi ma ghandhiex biex thallasha u ghandha bzonnha billi meta jaghtuha l-attakki tal-asthma jkollha tmur b’urgenza il-Polyclinic ta’ Rahal il-Gdid.

L-attrici xehdet illi l-aktar haga li wegghatha kienet meta qalilha li t-tifel Karsten mhux tieghu, billi hi certa li hu ibnu u xehdet li qatt ma kienet intima ma’ haddiehor. Tispjega fix-xhieda taghha illi l-konvenut kien qalilha li ried jaghmel it-test tal-paternita’ u hi insistiet mieghu li jekk jirrizulta li hu ibnu kellu jaghmel id-dar fuq it-tfal biex jkollhom xi haga. Hu ma qabilx ghax ma riedx jitlef id-dar.

Karsten kien jiddispjecih hafna li l-konvenut kien jghidlu ‘mur l-hemm int m’inthiex tieghi’. Il-konvenut kien jarmi l-hobz li hi tkun ippreparat ghal Karsten ghall-iskola, u wara kien jkollha terga’ tmur tixtrilu.

Tirrakkonta kif darba Karsten gie lura ferhan ghax il-konvenut kien xejjirlu, hi lit-tfal qatt ma qalitilhom xejn kontra missierhom, mentri t-tfal kienu jghidulha li hu kien imaqdarha maghhom. Xehdet illi lit-tfal il-konvenut ma jaghtix kashom, lanqas kien jinteressah kienux jifilhu jew le jew kif sejjrin fl-iskola. Iddikjarat li fil-present il-konvenut qed jikkoabita ma’ Angela Borg, li tigi sekonda kugina tieghu f’post Marsaxlokk.

Hi tikkontesta l-allegazzjoni tal-konvenut li ghandha relazzjoni ma’ George Faure’ li hu habib ta’ missierha u li ghandu 58 sena mentri hi ghandha 36 sena. Hi tghid li dan Faure’ hu biss habib u ghinha meta kellha bzonn il-flus. Hi fid-dar toqghod ma’ uliedha biss u hadd aktar u tghix fuq ic-Children’s Allowance li tircevi kull tlett xhur.

Tikkonkludi l-affidavit taghha billi tiddikjara li kien pass tajjeb li ma jibqghux jghixu flimkien billi t-tfal ma ghadhomx aktar esposti ghall-glied, storbju u swat; hi xtaqhet li jaslu ghal separazzjoni bonarja billi hu kuntent jghix ma’ mara ohra u binha. Kull ma trid hi hu li jkollha dar fejn tista’ tghix ma’ uliedha. Id-dar matrimonjali kienet tieghu qabel iz-zwieg izda kienet biss gebel u saqaf.

Ghandhom zewg frejgatini u zewg vetturi u tixtieq li tircevi somma flus bhala sehemha biex jkollha dar fejn tkun tista’ tghix ma’ uliedha.

In kontro-ezami[1] ghas-suggeriment li kienet qed tohrog ma’ George Faure’, irrispondiet li hu habib tal-familja taghha, partikolarment ta’ missierha. Xehdet li gieli harget mieghu ghall-ikel mal-genituri taghha u t-tfal. Qatt ma harget mieghu wahedha. Qatt ma kienet id f’id ma dan ir-ragel. Tghid li sifret darbtejn l-Ingilterra wahedha minnhabba l-asthma. Ddikjarat li ma ghandhiex hbiberija intima ma’ ragel iehor.

L-attrici **A B**, in kontroezami insistiet li t-tifel Karsten hu bin il-konvenut, cahdet li l-missier hu Hector Bonavia li hu ir-ragel ta’ oht il-konvenut, jew li kellha relazzjoni mieghu. Iddikjarat li qatt ma raqdet fil-flat ta’ Russell B li jigi n-neputi tal-konvenut. Hi annettiet affidavit ulterjuri fejn semmiet l-okkazzjonijiet meta kien jaqta’ id-dawl, meta sawwat lilha u lill-bintha Kim b’hadida u spiccaw l-Isptar. Tghid li r-relazzjoni tal-konvenut ma’ Angela Borg hi wahda fl-apert. Jarawhom in-nies f’atteggjamenti intimi u rathom hi stess. Tghid li anke il-Kappillan ta’ San Bastjan Hal-Qormi jaf bl-istorja kollha cioe’ li kellhom tarbija flimkien. Tikkonferma li ma tahdimx, m’ghandhiex boyfriend, m’ghandhiex flus

[1] Fol. 407

biex thallas il-kontijiet u l-konvenut gideb fuqha meta qal li tiehu d-drogi. Hi tbghati bl-asthma qawwija u qatt ma hadet drogi f'hajjitha. Ikkonfermat li mis-somma li rceva mill-Malta Shipbuilding lilha ma taha xejn. Hi pprezentat ittri ta' imhabba li Angela kitbet lill-konvenut, fejn tghid kemm hi kuntenta mieghu, tirreferi ghalih bhala zewgha u tiffirma l-ittri bil-kunjom 'B'. Billi ittra minnhom ghandha d-data 10 ta' Marzu 2005, dan kien qabel it-twelied tat-tifel ta' Angela li l-attrici tinsiti hu bin zewgha l-ittra datata 10 ta' Marzu 2005, Fol 567, hi iffirmata minn Angela B u l-kontenut tal-ittra hu dikjarazzjoni ta' imhabba. L-ahhar sentenza ta' din l-ittra, in block letters taqra' hekk:

" INHOBBOK B'IMHABBA TAL-GENN. JIENA GHALIK GHALL-DEJJEM"

Fl-ittra Fol 566 retro jinghad:

".....Ren din is-sena ikollna Milied b'differenza ghax qeghdin flimkien u naf li ninhabbu u ghalhekk ser ikun Milied specjali ghax qeda ma xi hadd li jhobbna tassew u dan huwa int Reno. Grazzi."

Fl-ittra Fol 568 inter alia jinghad:

".....nhobbok bhala zewgi mhux illum biss, imma inwedek tul hajti kollha.
Dejjem tieghek , Angela B."

Il-konvenut Nazzareno B xehed bil-mezz ta' affidavit. [2] Jiddikjara li martu hi responsabbli ghal din s-separazzjoni billi qieghda f'relazzjoni adultera ma' certu George Faure'. Il-problemi bdew meta hu nduna li martu kellha din ir-relazzjoni. Il-konvenut jghid li hu bniedem biezel u dejjem hadem ghall-familja. Hu jissuspetta li t-tifel Karsten mhux tieghu u l-mara qatt ma accettat li taghmel it-testijiet medici. Jghid li martu ghamlet hafna allegazzjonijet qarrieqa fuqu, akkuzatu bi vjolenza fuqha u fuq uliedhom u inqdied bit-tifla biex taghmel dawn l-akkuzi. Jghid li ghandu recording ta' telefonata, Dok NC3 b'konferma tar-relazzjoni taghha ma' George Faure'; li wara li qabadha f'din r-relazzjoni bdiet tiehu l-affarjiet mid-dar u tkisser u bdiet taghmel hafna akkuzi kontrih. Kissret il-bieb tal-garage u bieb ta' kamra tas-sodda. Jghid li fir-relazzjonijiet sesswali kienet tagixxi ta' bil-fors izda jghid li hu qatt ma sforzha. Hi kienet tipprova tahbi li kellha relazzjonijiet ohra billi tippretendi li kienet normali mieghu izda hu innota li kien hemm xi haga hazina. Qabel isseparaw de facto l-okkazzjonijiet intimi bejniethom saru rari u kienet tevita li tohrog mieghu wahdu.

Xehed dwar okkazzjoni fejn flimkien ma' huh Mario, ghamlilha l-ghassa u saqu warajha sa Haz-Zabbar fejn hi marret ghand George Faure' tohodlu l-iekel. Hu jghid li ma kienx jissusspetta hazin fiha sakemm it-tifel l-kbir fetahlu ghajnejh.

[2] Fol. 70

Darba t-tifel quddiemha qal li mid-9am sas-2pm tkun ghand George Faure' u bdiet ittieh bil-ponn fuq daru. Kellu jqum iferraqhom u wara dan l-incident iddecieda li jibda jisegwiha. Xi jumejn wara hu u huh segwewha bil-karozza, hi marret Haz-Zabbar b'kaxxa tal-ikel. Meta waqqafha u kellimha cahdet li kienet ser tmur ghand George Faure', li kien joqghod vicin u qalet li kienet sejra is-Supermarket ta' Haz-Zabbar li kien xi nofs siegha mixi 'l boghod. Tlett xhur wara marret tghix b'zewgt itfal fi flat ta' dan ir-ragel. Hu kien jafha billi t-tnejn kienu ghamlu zmien jahdmu l-Phoenicia, hu bhala security guard u hi bhala chambermaid. Hu kien sinjur billi kien jinnegozzja fil-propjeta'.

Jghid li wara li kien qabadha titradih bdiet tkellmu hazin, tajru bil-genituri tieghu u tahbat ghalih, izda hu qatt ma waqa' ghall-provokazzjoni. Bdiet taghmel minn kollox biex titfghu 'l barra mid-dar, u ghamlet akkuza falza kontrih li fiz-zmien li xehed kien qed jikkontesta fil-Qorti.

Ipprezenta cassette, Dok NC3 u t-transcript tieghu Dok NC4. Il-konvenut spjega li r-recording hu ta' zewg telefonati maghmula mill-attrici, wahda ma' ohtha, Roberta u l-ohra ma' ohtha Joan, fejn hi tizvela r-relazzjoni li kellha ma' George Faure', u li kienet qed iggieghel lil Hector, ir-ragel ta' oht il-konvnut, biex jaghtih xebgha. Fiz-zmien li xehed it-tifel il-kbir Gregory kien mieghu mentri Kim u Karsten kienu mal-omm, iz-zewg genituri ghandhom l-access ghat-tfal li jkunu ghand il-parti l-ohra darbtejn fil-gimgha, izda hu jghid li l-omm mhiex qed thallieh jara lit-tfal anzi qed tinqedha bihom biex takkuzah u ghamlet rapporti foloz kontra il-konvenut.

Dwar id-dhul tieghu gie prezentat il-payslip tal-konvenut, Dok NC1, li minnha jirrizulta li dak iz-zmien kellu salarju ta' circa € 187.78 fil-gimgha.

Jirrizulta wkoll li meta t-tfal kienu ghadhom minuri l-attrici kienet tircevi €82.50 fil-gimgha manteniment minghand ir-ragel, tircevi ukoll ammonti mid-Dipartiment tas-Servizzi Socjali u ghandha permess biex tbiegh il-hut f'Marsaxlokk. Il-konvenut ihallas il-kontijiet tad-dawl u l-ilma u l-htigijiet tat-tifel Gregory li dak iz-zmien kien qieghed mieghu, u jinsisti li ma ghandux jibqa jhallas manteniment lill-martu minnhabba r-relazzjoni adultera taghha.

Ghalkemm id-dar matrimonjali f'Marsaxlokk hi propjeta' parafernali tieghu, hu kien gie allontanat mid-dar. L-attur jghid li dan sehh wara li martu ghamlet akkuza falza fil-konfront tieghu u tat-tifel Gregory. Wara l-mewt ta' ommu mar jghix fid-dar ta' ommu li pero' jkollu jitlaq minnha billi l-ahwa jridu sehemhom mid-dar.. Jikkontesta l-allegazzjoni ta' martu li qed jghix ma' mara ohra u jinsisti li martu qed tghix ma' George Faure' li qed jmantniha.

Jispjega illi huwa kien hallas il-prezz kollu tad-dar qabel iz-zwieg u minn flusu ghamel l-kcina, il-poggaman tat-tarag u l-kamra tas-sodda. Il-bqija tal-ghamara saret wara z-zwieg.

Il-vettura Polo KIM-713 tintuza mill-mara mentri hu ghandu Van Izuzu.

In kontro-ezami[3] il-konvenut in kontroezami jichad li qatt kellu xi relazzjoni ma xi hadd matul iz-zwieg u lanqas ma' Angela Borg, jghid li beda johrog maghha xi sena qabel meta hu u martu ma baqghux flimkien u wara li mietet ommu. Hu qal li kien jghix fid-dar ta' ommu f'Marsaxlokk u li qatt ma ghix ma' Angela Borg li tghix Hal Qormi. Ikkonferma li kien gie liberat mill-akkuza li kien ser jitfa lil Kim minn fuq ghal isfel u li kien gharwien. Jikkonferma li ghandu frejgatina li nxtrat fiz-zwieg u ohra li hi ta' ommu. Hu kkontesta l-allegazzjoni ta' martu li kien ittanta lil ohtha Roberta u lil ommha.

Xehed it-tabib **Dottor Johann Vella** [4] fejn ipprezenta kopja ta' certifikat mediku minnu rilaxxjat fit- 12 ta'Jannar 2003 b'konferma li l-attrici kellha ferita ta' natura hafifa konsistenti f'selha u gundalla tahtha.

Xehed ukoll it-tabib **Dottor Anthony Carmel Bugeja**, fejn ipprezenta certifikat mediku minnu rrilaxxjat fil-21 ta' Jannar 2003, fejn l-attrici kienet qaltlu li qalghet daqqa mir-ragel. Hi kellha daqqa' zghira fuq gewwa ta' xoffitha. Rega' invistaha fil-25 ta' Frar 2003 kellha hmura fl-ispalla leminija meta allegat li sawwatha r-ragel u kellha tbengila fuq ghajnejha li allegat kien ghamililha binha gimghatejn qabel. Fl-istess jum invista lil Kim B li kellha hmura fuq ic-'cheek' tax-xellug meta allegatament giet aggredita minn missierha. Il-feriti kienu kollha ta' natura hafifa.

Xehed ukoll it-tabib **Dottor Jesmond Cassar** fejn ipprezenta kopja ta' certifikat minnu rilaxxjt fit-12 ta' Frar 2003 fejn l-attrici allegat li kienet issawtet mir-ragel, kellha kontuzjoni fis-sebgha tan-nofs tal-id il-leminija u nefha madwar l-ghajn xellugija.

Il-**PC 879 Josef Galea** ipprezenta 29 rapport maghmula mill-attrici.

**Alfred Mifsud**, Pay-roll Manager fil-**Malta Shipyards**[5] xehed li bhala *basic pay* il-konvenut kellu dak iz-zmien LM106.25 ekwivalenti ghal € 247.45 fil-gimgha qabel jitnaqqas il-bolol, taxxa u dak ordnat mill-Qorti.

[3] Fol. 510
[4] Fol. 426
[5] Fol. 432

**Joseph Borg Cardona**, manager fl-ufficju legali tal-**Bank of Vallette plc**,[6] esebixxa d-dokumentazzjoni dwar sitt kontijiet f'isem A u Nazzareno B, erbgha minnhom nghalqu u iz-zewg kontijiet l-ohra wiehed saving Account numru 40010652712 f'isem il-konvenut B account Gregory kellu bilanc ta' LM3.10 f'Ottubru 2005 u l-iehor Saving Account f'isem il-konvenut numru 40012264580 fi Frar 2006 kellu bilanc ta' LM186.91. Ipprezenta wkoll dokumentazzjoni dwar tlett kontijiet, Savings, tnejn f'isem l-attrici u wiehed Joint li t-tlieta nghalqu, u dwar il-loan account ikkonferma li kien sar loan ta' LM800 biex tinxtara dghajsa tas-sajd u r-repayments kienu jsiru permezz ta' standing order mill-kont Savings f'isem il-konvenut B.

**Audrey Ghigo ghall-HSBC Malta plc**, Fol 436 iddikjarat li ma kienx hemm kontijiet f'isem Nazzal-konvenut B I.D. 465064(M).

**Roberta Ciangura**,[7] oht l-attrici xehdet li hi l-izghar fost hutha u meta zzewget l-attrici kellha hames snin. Kienet torqod ghand ohtha, l-attrici li kienet tibza' wahedha meta zewgha jkun xoghol fuq il-bahar. Hi kkonfermat li l-konvenut kien isawwat lill-attrici quddiemha u anke quddiem it-tfal, ma kienx jhalliha tilbes li trid jew taghmel 'make up', kien jinsisti maghha biex tmur tghinu billi taqdef, xoghol ta' ragel, waqt li hu jistad. Kienet prezenti meta kien taha bis-sieq meta kien liebes is-saftey shoes u drabi ohra meta kien jsawwatha ghal xejn b'xejn, izda l-attrici kienet tghidilha li ma kinitx tirrapportah ghax riedet issalva z-zwieg.

Hi ddikjarat li meta kellha xi ghaxar snin il-konvenut beda jittantha u kien hemm okkazzjonijiet meta l-attrici qabditu. Tghid li fuq medda ta' gimgha dan kien isehh xi hames darbiet kemm fid-dar taghhom kif ukoll ghand ommha. Hi prezentat ritratti[8] li juri il-feriti li kellha l-attrici u bintha Kim, ir-ritratti hadithom hi stess uhud minnhom meta kienu fl-Isptar.

Hi kkonfermat li l-konvenut spiss kien jkun ghand Angela Borg f'Hal-Qormi u l-karozza taghha Skoda IBB-834 gieli ratha ipparkjata hdejn d-dar ta' omm il-konvenut f'Marsaxlokk. Ikkonfermat li l-van tal-konvenut kienet tarah kemm bil-lejl kif ukoll fil-ghodu kmieni ipparkjat hdejn ir-residenza ta' Angela Borg. Rathom flimkien ix-xatt ta' Marsaxlokk, jghumu Birzebbuga u anke il-Qorti kienet tkun mieghu. Ftit gimghat qabel rat lil Angela Borg hdejn lis-skola primarja ta' Hal-Qormi b'tarbija li tissuspetta li hi tal-konvenut u pprezentat diversi ritratti Dok RC5 sa Dok RC10.

**Carmel Taliana** ghall-Malta Shipyards Limited xehed li l-konvenut kien jahdem bhala crane driver u spicca fit-8 ta' Mejju 2009. Hu ibbenefika mill-Iskema ta'

---

[6] Fol. 434
[7] Fol. 532
[8] Fol. 541

rtirar kmieni u rceva is-somma ta' Euro54,024. Kellu paga ta' Euro13,718.16 fis-sena cioe' Euro263.81 fil-gimgha.[9]

Fis-seduta tal-25 ta' Gunju 2009 il-partijiet irregistraw verbal fejn iddikjaraw li il-fond plot 95, Triq il-Port Ruman, Marsaxlokk hu propjeta' parafernali tal-konvenut B, u li l-mobbli kollha gol-fond imsemmi huma propjeta' kongunta billi nxtraw fiz-zwieg.

Il-konvenut fl-istess seduta[10], kkonferma li l-imsemmija somma rceviha mill-Malta Shipbuilding f'Marzu 2009, pero' biha hallas id-djun li kellu. Jghid li kien issellef flus minghand ommu sena qabel mietet u kien jhallasha ftit ftit, wara li mietet xi tlett snin qabel hallas lil hutu d-dejn li kellu ma' ommu. Iddikjara li ma jafx kemm hallas lil hutu, ma jafx lil minn hallas barra ommu u hutu pero' jaf li ma baqa' xejn mis-somma li rceva mill-Malta Shipbuilding. Cahad li hu missier it-tarbija ta' Angela Borg u cahad li kellu relazzjoni maghha.

**Angela Borg**, xehdet li taf lill-konvenut B billi hu il-kugin ta' ommha, pero' cahdet li ghandha relazzjoni intima mieghu u qalet "Jien qatt ma baghat love letters lil Nazzareno B". Ammettiet li gieli tiltaqa' mieghu, fis-Sajf iltaqghu kuljum, u meta hargu gieli l-konvenut kien bit-tfal u dejjem kienu fil-pubbliku. Hi cahdet li wiehed minn uliedha kien iben Nazzareno B u ddikjarat li ma riditx tirrispondi domandi fuq binha 'ghax dawk huma affarjiet personali tieghi'. Fl-affidavit taghha[11] ikkonfermat li hi ma ghandhiex relazzjoni u qatt ma ghixhet mal-konvenut, mentri l-attrici illum qieghedha f'relazzjoni ma' certu Dave li jahdem f'St Peter's Football Club, Birzebbuga u joqghod il-Qajjenza u li hu il-missier tat-tarbija l-gdida taghha.

**Concetta Borg**, omm Angela Borg, xehdet li taf lill-konvenut billi hu kugin taghha. Hi cahdet li bintha Angela Borg ghandha tifel mill-konvenut. Iddikjarat li bintha tghix maghha bit-tfal.[12]

Fl-istess seduta[13] il-konvenut iddikjara li kien qed jahdem full time mal-kumpanija Elbros bhala *crane driver* u jaqla' LM2 fis-siegha. Fl-affidavit tieghu, iddikjara li minn dan l-impieg jaqla' circa € 650 kull hmistax inkluz l-overtime. Jiddikjara illi r-rizultat tad-DNA dwar t-tifel Karsten hareg fit-12 ta' Ottubru 2011 u dan kien fis-sens li mu mhux il-missier biologiku tat-tifel. Hu ddikjara li martu kellha relazzjoni ma' Hector Barbara li hu r-ragel ta' oht il-konvenut Marianne Barbara.

---

[9] Fol. 556
[10] Fol. 556
[11] Fol. 653
[12] Fol. 639
[13] Fol. 649

Il-konvenut iddikjara li barra ma' Hector Barbara l-attrici kellha diversi relazzjonijiet ohra, semma lil certu Carmelo illum mejjet, certu wiehed imsejjah ir-Rigu, certu Pawlu u George Faure'. Wara li sseparaw 'de facto' jghid li hi kellha diversi relazzjonijiet ohra, u fil-present qieghedha ma' certu Dave.[14]

Jelenka l-assi parafernali u tal-komunjoni u ppropona divizzjoni.[15] Il-konvenut qed jipprettendi refuzzjoni tal-manteniment li hu hallas ghall-minuri Karsten fl-ammont ta' Euro 303 fix-xahar. Meta xehed in kontroezami ikkonferma li l-poggaman tat-tarag sewa LM700 li hu hallas qabel iz-zwieg ghakemm il-poggaman twahhal fil-post wara z-zwieg. Il-post hu mibni fuq art minnu akkwistata qabel iz-zwieg u nbena qabel z-zwieg. Huh hadimlu l-kamra tas-sodda li kienet tiswa LM990 u l-kcina li swiet LM1,200 , dawn thallsu minnu qabel iz-zwieg. Xehed li waqt iz-zwieg ghamlu wall unit li jiswa LM600, u l-kamra tas-sodda tat-tifla li giet tiswa bejn LM500 u LM1,000. Baqa' TV wiehed fid-dar li kien jiswa xi LM200 u Air conditioner li thallas mill-attrici. Hemm vettura Volkswagen li tintuza mill-attrici, kienet nxtrat bil-prezz ta' LM6,300 u van Izuzu li juzah hu li kien nxtara bill-prezz ta' LM5,000 waqt iz-zwieg. Iddikjara li illum fil-Bank ma hemm xejn x'jinqasam billi kien hemm kont li kellu LM1,100 minnu l-attrici sbankat LM650 u l-kumplament sbankah il-konvenut. Xehed li hames snin qabel rceva mill-Malta Shipbuilding erbgha u hamsin elf ewro (€ 54,000) u li lill-attrici ma ta xejn minnhom. Qal li l-ammont nefqu 'biex jghix u biex jhallas l-avukati'.

L-attrici regghet xehdet in kontroezami fejn ammettiet li wara li sar it-test tad-DNA irrizulta li Karsten ma kienx it-tifel tal-konvenut, ghalkemm tghid li dejjem hasbet li hu kien missieru. Iddikjarat li ghandha tifla Mariah B, li ghandha 9 xhur li missierha mhux il-konvenut billi hi u l-konvenut ilhom ma jkollhom relazzjonijiet intimi ghal dawn l-ahhar 10 snin circa. Hi tghid li ghandha 4 itfal, Gregory u Kim li huma tal-konvenut u Karsten li ghandu 16 il-sena u Mariah li missierhom mhux il-konvenut. Hi tghix ma' dawn l-erba' ulied fid-dar matrimonjali, u billi l-konvenut ghandu access ghad-dar u jmur fil-ghaxija biex jorqod, hi tissakar f'xi ambjent tad-dar billi tibza minnu. Hi ammettiet li kienet kissret bieb tal-kamra tas-sodda u tal-garage izda dan ghamlitu ghax ma setghatx taghmel mod iehor u illum dawn issewew. Hi biss thallas il-kontijiet tad-dawl u l-ilma, hemm arretrati ta' circa Euro 4,500, ammettiet li ma rritornat l-ebda flus lill-konvenut ghall-manteniment li hu kien hallas ghal Karsten u ddikjarat li ma ghandhiex flus.

L-attrici fit-3 ta' Marzu 2013 kienet involuta f'incident stradali serju fejn soffriet feriti gravi, kif konfermat mir-rapport tal-kirurgu Mr. Raymond Gatt[16], u giet sottoposta ghal diversi interventi kirurgici, anke barra minn Malta u baqghet

[14] Fol. 563
[15] Fol. 649
[16] Fol. 795

tbaghti minn menomazzjoni permanenti li giet stabbilita fl-ammont ta' ghoxrin fil-mija (20%).

Il-Perit Legali fir-rapport tieghu mahluf fit-22 ta' Ottubru 2015[17], wasal ghall-konkluzzjoni li z-zewg partijiet huma ugwalment responsabbli ghat-tkissir taz-zwieg; li d-dar matrimonjali, propjeta' parafernali tar-ragel, ghandha tigi assenjata lilu biex jghix fiha ad eskluzjoni tal-attrici; li t-tfal Gregory u Kim huma illum maggiorenni u t-tifel Karsten irrizulta mhux bin il-konvenut; li l-attrici, stante l-adulterju ddekadiet mid-dritt li titlob manteniment minghand il-konvenut; li s-sanzjonijiet komtemplati fl-Artikoli 48 sa 53 ghadhom jigu applikati fil-konfront taz-zewg partijiet; li il-vettura Volkswagen Polo ghandha tigi assenjata lill-attrici u l-vettura Van Izuzu u d-dghajsa ghanghom jigu assenjati lill-konvenut; li l-konvenut ghandu jhallas lill-attrici nofs l-ammont li rceva minghand il-Malta Ship Building meta spicca mix-xoghol; u li kull parti ghandha tbghati l-ispejjez taghha.

KONSIDERAZZJONIJIET.

Indubbjament iz-zwieg tal-partijiet tkisser irrimedjabbilment. L-attrici takkuza lill-konvenut b'abbuz kontinwu kemm fiziku, kemm sesswali kif ukoll psikologiu; filwaqt li l-konvenut rikonvenzjonant jakkuza lill-attrici li kellha relazzjonijiet adulteri ma' rgiel ohra meta kienu ghadhom qed jghixu flimkien fid-dar matrimonjali.

L-attrici takkuza lill-konvenut illi kien sahansitra abbuza minn ohtha z-zghira meta kienet ghadha minorenni. Tghid li ma kinitx irrapportatu lill-awtoritajiet kompetenti sabiex tipprova ssalva z-zwieg. Takkuza lill-konvenut illi kien jippretendi l-intimita' maghha kuljum irrispettivament mill-kondizzjoni taghha. Dan hu michud mill-konvenut rikonvenzjonant ghalkemm xehed li l-attrici kienet turih li tkun intima' mieghu ta' bilfors.

Dan in-nuqqas ta' affjatament bejniethom kien il-bidu tal-kuntrasti kontinwi li biz-zmien eskalaw ghall-incidenti ta' vjolenza. L-incidenti ta' vjolenza tal-konvenut fuq l-attrici huma ikkonfermati mic-certifikati medici esebiti u kkonfermati mit-tobba. Oht l-attrici, Roberta Ciangura, ikkonfermat li dawn l-incidenti kienu diversi u spissi u mhux xi incident ta' darba. F'okkazzjoni minnhom kienet marret mal-attrici u bintha Kim l-Isptar. Kienu eventwalment ittiehdu diversi proceduri kriminali kontra l-konvenut, kemm dwar l-incidenti ta' vjolenza, kif ukoll dwar in-nuqqas tieghu fil-hlas tal-manteniment.

[17] Fol. 807

Il-konvenut, mill-banda l-oħra, jinsisti li z-zwieg falla meta hu skopra li martu kellha relazzjoni adultera ma' George Faure'. Jghid li minn dakinhar bdiet tiehu affarjiet mid-dar u bdiet tkisser fid-dar li hi propjeta' parafernali tieghu, partikolarment l-bibien. Bdiet taghmel allegazzjonijiet foloz fuqu, u tinqeda bit-tifla Kim biex taghmel dan, kellu jirrispondi ghall-akkuzi kriminali u gie liberat minn xi uhud minnhom. Kellu suspett li t-tifel Karsten ma kienx tieghu, hi baqghet dejjem tinsisti li kien ibnu, ghamel zmien twil ihallas manteniment ghalih, u wara s-snin irrizulta mid-DNA Test li hu ma kienx il-missier biologiku ta' dan it-tifel.

Ikkunsidrat;

HTIJA GHAT-TKISSIR TAZ-ZWIEG.

In tema intqal illi "L-minaccji jistghu jkunu verbali jew reali u materjali. …….. jekk ikunu tali illi jirrivestu azzjoni, u min jaghmilhom jidher li huwa kapaci, allura indubbjament jiffurmaw motiv ta' separazzjoni." "Certi fatti, kliem u modi ta' azzjoni jew atteggjamenti illi jistghu jirendu l-hajja komuni insopportabbli, huma ritenuti mid-dottrina bhala sevizzi." [18] Gie wkoll dikjarat illi "B'ligi, l-applikazzjoni ta' dawk id-dekadenzi, tal-konjugi mid-drittijiet taghom kontra xulxin bhala effett tal-pronuncja ta' separazzjoni personali bejniethom,"in toto" jew in parti, hi fakoltattiva ghall-Qorti, jekk id-domanda ghas-separazzjoni tkun radikata fuq il-mottiv ta' eccessi, sevizzji, minacci u inguji gravi. U allura jiddependi mid-diskrezzjoni taghha jekk tapplikax jew le dawk id-dekadenzi fil-kaz partikolari".[19]

Gie kostantement ritenut mill-Qrati taghna illi "l-adulterju dejjem kien meqjus bhala l-kawzali l-aktar gravi illi ghaliha l-Qorti tawtorizza s-separazzjoni personali". (Vol XXXVII-parti ii, pagna 693). (ara ukoll "**Nancy Magro v. Karmenu Magro**" - Appell Superjuiri - 27.06.2014; "**Rita Schembri et vs Joseph Schembri**" – Appell Superjuri - 24.06.2016)

Fil-premessi tal-kawza odjerna l-attrici m'hiex qed tallega l-adulterju da parti tal-konvenut izda ssemmi l-ingurji gravi fost l-ohrajn. Mill-banda l-ohra il-konvenut fil-kontro talba tieghu qed jallega l-adulterju da parti tal-attrici.

Bis-sahha tal-emenda introdotta bl-Att XXI ta' 1993 ghall-Artikoli 51 u 52 tal-Kapitolu 16 tal-Ligijiet ta' Malta l-adulterju u l-abbandun sodisfacentement ippruvati jwasslu ghas-sanzjonijiet kontemplati fl-Artikolu 48 filwaqt li ragunijiet

[18] "Maria Mifsud vs. Vincenzo Mifsud" – PA - 30.06.1961
[19] "Carmela Falzon vs Paolo Falzon" – Appell - 17.04.1959

ohra ghat-tkissir taz-zwieg il-ligi thalli l-applikazzjoni tas-sanzjonijiet diskrezzjonali.

Ezaminati l-provi kollha prodotti huwa evidenti illi l-attrici kkommettiet adulterju meta kienet ghadha qed tikkoabita mal-konvenut. Dan jirrizulta car u minghajr ebda ombra ta' dubju meta wiehed jikkonsidra illi wara snin ta' cahda, inkluz waqt li kienet qed tiddeponi f'dawn il-proceduri, irrizulta illi almenu sa minn ghaxar snin qabel gew intavolali dawn il-proceduri, l-attrici kienet ikkommettiet adulterju ad insaputa tal-konvenut rikonvenzjonant. Kien biss it-test tad-DNA li wassal lill-attrici li tammetti waqt il-kontro ezami illi Karsten imwieled fiz-zwieg tal-partijiet ma kienx effettivament iben il-konvenut.

Hija gurisprudenza nostrana kostanti illi " L-adulterju jista' jigi ppruvat permezz ta' indagini u presunzjonijiet, purche' dawn jkunu gravi, precizi u konkordanti, b'mod li ma jhallux ebda dubbju f'min ghandu jiggudika."[20] Il-konvenut rikonvenzjonant ressaq l-aqwa prova fic-cirkostanzi illi l-attrici kienet hatja ta' adulterju.

Dan ma jfissirx illi l-agir vjolenti tal-konvenut versu l-attrici huwa b'xi mod skuzabbli. Ghalkemm il-konvenut cahad li kien vjolenti fil-konfront ta' martu, mill-kumpless tal-provi prodotti l-Qorti hi konvinta li l-konvenut kien effettivament vjolenti fil-konfront ta' martu. Ix-xhieda tat-tobba abbinat max-xhieda tal-attrici u ta' ohtha f'dan ir-rigward ma jhallu l-ebda dubju illi fuq medda ta 'zmien il-konvenut kien jagixxi b'mod vjolenti fil-konfront tal-attrici sew fizikament sew emozzjonalment.

Maghumla dawn il-konsiderazzjonijiet il-Qorti hi tal-ferma fehma illi ghat-tkissir taz-zwieg taghhom huwa responsabbli iz-zewg partijiet f'sehem ugwali bejniethom. Il-konvenut jahti fil-konfront tal-attrici martu ghall-eccessi, sevizzi, minacci u ingurji gravi filwaqt li l-attrici, hi responsabbli minhabba li adulterju.

Filwaqt li fil-konfront tal-attrici rikonvenzjonata il-Qorti qed tiddeciedi li ghandhom japplikaw is-sanzjonijiet kontemplati fl-Artikolu 48 peress li qed tinstab hatja ta' adulterju, fil-konfront tal-konvenut in vista' li l-Qorti qed issibu hati ta' vjolenza domestika qed tuza d-diskrezzjoni lilha moghtija bis-sahha tal-Artikolu 52 tal-Kap. 16, u tapplika fil-konfront tal-konvenut is-sanzjonijiet kollha kontemplati fl-48 tal-Kapitolu 16 tal-Ligijiet ta' Malta. F'dawn ic-cirkostanzi, it-talbiet reciproci tal-partijiet dwar l-applikazzjoni tas-sanzjonijiet kontemplata fl-Artikoli 48 sa 53 tal-kap 16 ghandhom jigu milqugha.

Rigward it-talbiet li saru mill-partijiet ghall-kura u kustodja tal-minuri, illum dawn jinsabu superati peress li ulied il-partijiet huma maggorenni.

---

[20] "Rosina Micallef vs. Angelo Micallef – PA – 27.06.1964

MANTENIMENT.

L-attrici qed titlob li l-konvenut jigi kkundannat jhallas manteniment ghaliha. Billi qed jigu applikati fil-konfront tal-attrici s-sanzjonijiet kontemplati fl-Artikolu 48, l-attrici tilfet id-dritt li titlob minghand il-konvenut manteniment.

Fin-nota ta' kritika tieghu ghar-rapport peritali[21] l-konvenut jipprettendi li ghandu jircevi refuzjoni tal-mantenimet li hu hallas ghat-tifel Karsten billi rrizulta li dan it-tifel fil-fatt mhux ibnu. Hu ppreciza li uhud mid-digrieti kienu ordnaw il-hlas ta' somma kompressiva li kien jinkludi ukoll l-manteniment ghat-tifla Kim.

Hu ssottometta li b'digriet tal-21 ta' Marzu 2005 (recte: rikors peress li d-digriet gie moghti fid-19 ta' April 2005) kien gie ordnat ihallas manteniment ghall-attrici u ghall-uliedha Kim u Karsten l-ammont ta' LM35 fil-gimgha pagabbli kull erba' gimghat bil-quddiem. Il-konvenut mhux korrett f'dik is-sottomissjoni. Minn ezami tad-digriet imsemmi ( fol. 17) jirrizulta li l-Qorti kienet ordnat manteniment pendente lite ghall-omm u ghall-minuri Kim izda mhux ghall-minuri Karsten. Karsten ma hux imsemmi fid-digriet tad-19 ta' April 2005.

Imbaghad b'digriet tal-15 ta' Settembru 2009 (fol. 279) il-Qorti ordnat li l-manteniment ghal Kim kellu jispicca billi saret maggiorenni u gie iffissat il-manteniment favur l-attrici fl-ammont ta' € 163 kull erba gimghat u € 140 kull erba gimghat ghall-minuri Karsten kemm-il darba dan jghix mal-attrici.

Il-konvenut b'rikorsipprezentat fl-24 ta' Frar 2012 talab ir-revoka 'contrario imperio' tad-digriet tal-15 ta' Settembru 2009, ir-refuzjoni tal-ammont globali imhallas bhala manteniment 'pendente lite'u li jigi awtorizzat jirrisjedi fid-dar matrimonjali ad eskluzjoni tal-attrici.

B'digriet tal-1 ta' Marzu 2012, Fol 354, il-Qorti ordnat li l-konvenut kellu jiffinallizza il-provi tieghu quddiem il-Perit Legali. Tali talba ghalhekk ser tigi deciza permezz tas-sentenza odjerna. Ghalkemm il-Qorti hi tal-fehma illi l-konvenut ghandu ragun meta jissottometti li ghandu jigi lilu rifuz l-ammont ta' manteniment li hallas ghall-miniri Karsten, ma jirrizultax mill-atti li tressqu provi dwar il-quantum ta' manteniment li l-konvenut rikonvenzjonat jippretendi li ghandhom jigu lilu rifuzi. Peress li l-Qorti ser tiddikjara li l-konvenuta hi responsabbli ghat-tkissir taz-zwieg minhabba adulterju b'effett mit-12 ta' Frar 1994, isegwi illi legalment il-konvenut ghandu dritt ghar-rifuzzjoni tal-manteniment pendente lite li hallas sew fil-konfront tal-attrici sew fil-konfront ta' Kerston. Huwa palezament evidenti illi kwalunkwe somma li l-Qorti tista' tordna lill-attrici tirrifondi lill-konvenut rikonvenzjonant ma tigiex imhallsa peress li

[21] Fol. 837

jirrizulta li l-attrici m'ghandha l-ebda assi. Tenut kont li l-attrici qed tippretendi minghand il-konvenut nofs l-ammont li huwa irceva taht l-iskema ta' irtirar kmieni, il-Qorti qed tiddeciedi b'applikazzjoni tal-principji deskritti bhala 'arbitrio boni viri' illi il-kreditu li talvolta l-attrici jista' jkun intitolata ghalih fil-konfront tal-konvenut qed jigi pacut mal-pretensjoni tal-konvenut ghar-rifuzzjoni tal-manteniment imhallas ghal Karsten u ghall-attrici. Il-Qorti qieghda tinkludi wkoll fl-applikazzjoni tal-principju tal-arbitrio boni viri l-pretensjoni tal-attrici ghal sehemha minn frejgatina u minn van fil-pussess tal-konvenut kif hawn taht spjegat.

XOLJIMENT U LIKWIDAZZJONI TAL-KOMUNJONI TAL-AKKWISTI.

Kemm l-attrici kif ukoll il-konvenut talbu x-xoljiment u l-likwidazzjoni tal-komunjoni tal-akkwisti. Qablu ukoll li dar matrimonjali hi propjeta' parafernali tal-konvenut. Kif korrettement ikkonkluda l-abbli Perit Legali, billi l-art nxtrat mill-konvenut u nbniet minnu qabel iz-zwieg u billi iz-zwieg tkisser ghar-ragunijiet imputabbli liz-zewg partijiet, d-dar matrimonjali ghandha tigi assenjata lill-konvenut biex fiha jirrisjedi ad eskluzzjoni tal-attrici, salv li jinqasmu ugwalment dawk l-affarjiet kollha li hemm fid-dar u li saru wara iz-zwieg.

Waqt iz-zwieg nxtrat vettura Volkswagen Polo li kienet tuza l-attrici u Van Izuzu CAS 103 li jintuza mill-konvenut. Il-Perit Legali ippropona li l-vettura Volkswagen Polo tigi assenjata lill-attrici u l-van Izuzu tigi assenjata lill-konvenut. L-attrici tghid li wara l-incident automobistiku tal-4 ta' Marzu 2013, Fol 840, l-karozza taghha Polo spiccat' total loss'. Hi ghalhekk tippretendi li tinghata nofs il-valur tal-Van Izuzu li nxtara bil-prezz ta' Euro17,470.26. Tipprettendi ukoll sehemha minn zewg dghajjes li skont hi nxtraw waqt iz-zwieg, wahda ta' 14 il-pied li nxtrat ghal € 3,028.18 u l-ohra ta' 12-il pied li l-konvenut biegh u ma taha xejn. Skont il-konvenut pero' dghajsa wahda nxtrat waqt iz-zwieg billi l-ohra kienet ta' ommu. Billi hemm kontestazzjoni bejn il-partijiet fuq it-tieni dghajsa u billi f'kwalunkwe kaz ma saret l-ebda prova dwar il-valur taghha, u fid-dawl tat-talba tal-konvenut li jigi lilu rifuz il-manteniment imhallas indebitament ghall-attrici u ghal Karsten, il-Qorti qed tiddeciedi illi l-van Isuzu u l-frejgatina ghandhom jigu assenjati lill-konvenut rikonvenzjonant minghajr l-ebda obbligu ta' hlas da parti tal-konvenut lill-attrici.

Dwar kontijiet bankarji, irrizzulta mill-provi li prattikament l-kontijiet kollha li kellhom nghalqu u fi kwalunkwe kaz l-ammonti kienu dejjem minimi. Kull parti ghalhekk ghandha zzomm il-kontijiet bankarji li ghandha f'isimha kif ukoll il-flus kontanti li kull parti ghandha fil-pussess taghha.

Irrizulta' mill-provi li bhala 'early retirement benefit' mill-Malta Shipbuilding l-konvenut rceva s-somma ta' Euro 54,024. Hu ammetta li irceva dan l-ammont u li ma ta xejn lill-attrici minnhom. Ghall-ewwel iddikjara li kien ssellef flus

minghand ommu, li kien qed jhallas ftit ftit u li wara li mietet hallas lill-hutu, pero' la ddikjara lil minn hallas u lanqas kemm. Wara biddel il-versjoni u qal li nefaqhom biex jghix u biex jhallas l-avukati. Il-Perit legali kkonkluda li dan l-ammont ghandu jinqasam bejn il-partijiet. Il-Qorti ma taqbilx ma' tali konkluzzjoni tal-abbli Perit Legali. Gialadarba irrizulta li l-attrici ikkommettiet adulterju sa minn Frar 1995, isegwi illi l-konvenuta iddekadiet mid-dritt taghha li titlob manteniment minghand zewgha la ghaliha u lanqas ghall-wild li rrizulta li ma kienx tal-konvenut. Irid jinghad li fil-kors tal-kawza l-attrici baqghet issostni fit-testimonjanza guramentata taghha illi qatt ma kienet infidila versu zewgha u li Karsten kien iben il-konvenut. Kien biss meta giet rinfaccjata bit-test tad-DNA illi ammettiet li Karsten kien il-frott ta' relazzjoni adultera taghha. Tali ammissjoni skansat lill-attrici milli jittiehdu passi kontra taghha ghal gurament falz, pero' ma jfissirx illi ghandha dritt izzomm il-manteniment li ippercepiet ghaliha u ghal iben li mhux tal-konvenut meta kien ben konsapevoli illi ma kellhiex dritt ghal tali manteniment. Huwa ghalhekk illi l-Qorti qed tiddeciedi arbitrio boni viri illi l-ammont li l-attrici ghandha dritt mill-ammont li l-konvenut irceva minhabba irtirar kmieni minn ma' Malta Shipbuilding qed jigi pacut mal-ammont ta' manteniment imhallas indebitament mill-konvenut lill-attrici sew ghaliha kif ukoll ghal Karsten li huwa iben terza persuna.

DECIDE.

Ghal dawn il-motivi l-Qorti qed taqta' u tiddeciedi l-kawza billi prevja li tiddisponi mill-eccezzjonijiet tal-konvenut u dawk tal-attrici ghat-talbiet rikonvenzjonali, tipprovdi dwar u tiddeciedi t-talbiet attrici u dawk rikonvenzjonali bil-mod kif gej:-

1. Tilqa' parzjalment l-ewwel talba attrici u l-ewwel talba rikonvenzjonali, kif modifikati bis-sentenza ta' din il-Qorti tat-28 ta' Frar 2013, tippronunzja d-divorzju ta' bejn il-partijiet ghar-ragunijiet imputabbli liz-zewg partijiet f'sehem indaqs bejniethom kif fuq spjegat;

2. Tastjeni milli tiehu konjizzjoni tat-tieni talba attrici dwar il-kura u kustodja tal-minuri billi dawn illum huma maggiorenni;

3. Tichad it-tielet talba attrici dwar il-manteniment ghaliha u ghal uliedha;

4. Tichad ir-raba' talba attrici li tigi awtorizzata tghix fid-dar matrimonjali ad eskluzjoni tal-konvenut;

5. Tilqa' il-hames talba attrici u t-tieni talba tal-konvenut fil-kontro talba tieghu u tapplika kontra l-partijiet l-effetti kollha tal-Artikolu 48 tal-Kap 16;

6. Tilqa' is-sitt talba attrici kif ukoll it-tielet u r-raba' talba tal-konvenut fil-kontro talba tieghu u tiddikjara xjolta l-komunjoni tal-akkwisti u tillikwida u tiddividi l-istess bil-mod kif fuq deciz taht l-intestatura "Xoljiment u Likwidazzjoni tal-Komunjoni tal-Akkwisti";

7. Tastjeni milli tiehu konjizzjoni tal-hames talba rikonvenzjonanti billi ma hemmx il-htiega tan-nomina ta' Nutar;

8. Tilqa' is-sitt talba fil-kontro talba u tiddikjara li d-dar matrimonjali 95 Triq il-Port Ruman Marsaxlokk hi propjeta' parafernali tal-konvenut, kif ukoll il-kcina u l-kamra tas-sodda li jinstabu fiha;

9. Tastjeni milli tiehu konjizzjoni tas-seba' talba rikonvenzjonanti; ghar-raguni fuq imsemmija;

10. Tilqa' t-tmien talba rikonvenzjonanti u tordna b'effett minn xahar millum il-konvenut ghandu dritt jghix fid-dar matrimonjali ad eskluzzjoni tal-attrici;

11. Tichad id-disa' talba rikonvenzjonali;

12. Tilqa' l-ghaxar talba rikonvenzjonali.

L-ispejjez jithallsu in kwantu ghal nofs mill-attrici u nofs mill-konvenut.

**Imhallef** **Deputat Registratur**